MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 752/2009

**The Marina Holidays Operators Company Limited (C-28197)**

**vs**

**European School of English Limited (C-19714) u EST (European Student Travel) Limited (C-31288)**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors guramentat datat 30 ta' Lulju 2009 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi fit-23 ta' Ottubru 2007, il-partijiet ikkonkludew bejnithom kuntratt dwar akkomodazzjoni ta' studenti barranin fil-Marina Hotel, gestita mis-socjeta' attrici (Dok. MH1).

Illi f'Settembru 2008 hargu l-ahhar studenti li kienu gew akkomodati mis-socjeta' attrici akkont tas-socjetajiet konvenuti, u l-bilanc dovut dakinhar kien ta' €29,499.97, kif jirrizulta mill-*istatement* anness bhala Dok. MH2.

Illi wara xi zmien, ir-rapprezentanti tas-socjetajiet konvenuti avzaw lis-socjeta' attrici li saret *claim* da parti ta' whud mill-istudenti formanti parti minn kontingent partikolari ta' studenti li gew ospitati bejn it-28 ta' Lulju u t-12 ta' Awwissu 2008 (fattura relattiva annessa bhala Dok. MH3, import totali €9,815.68), u li konsegwentement kienu ser izommu l-hlas sakemm tigi ezaminita tali *claim*.

Illi sussegwentement, rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta avzaw lis-socjeta' attrici li kienu ttransingew tali *claim* fis-somma ta' hmistax-il elf euro (€15,000) u li ghaldaqstant kienu ser ihallsu l-bilanc dovut lis-socjeta' attrici bit-tnaqqis ta' tali somma mill-istess bilanc; l-unika dokumentazzjoni provduta in sostenn ta' dan tinsab ezebita bhala Dok.MH4, li telenka numru ta' allegazzjonijiet li huma jew fittizji jew frivoliu vessatorji;

Illi fil-fatt, is-socjetajiet konvenuti effettwaw numru ta' pagamenti, b'dan illi hallew skopert bilanc ta' €15,000, kif iddikjaraw li kien bi hsiebhom jaghmlu, u dan meta qatt ma' kkonsultaw mas-socjeta' attrici fil-kors tat-trattattivi dwar il-*claim* allegata, meta qatt ma taw opportunita' lis-socjeta' attrici sabiex tiddefendi ruhha kontra l-allegazzjonijiet li saru fil-konfront taghha, meta ma pprovdewx dokumentazzjoni sodisfacenti relattivament ghal tali *claim,* u meta t-tnaqqis in kwistjoni huwa addirittura ikbar mill-hlas kollu dovut in konnessjoni; ghaldaqstant is-socjeta' attrici ma tistax taccetta tali tnaqqis unilaterali mill-hlas dovut lilha u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi r-rapprezentant tas-socjeta' attrici Joseph Abdilla jiddikjara li jaf bil-fatti hawn elenkati personalment.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici tablet lis-socjeta` konvenuta jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti solidalment debituri fil-konfront tas-socjeta' attrici fis-somma ta' hmistax-il elf euro (€15,000) rapprezentanti servizzi moghtija lis-socjetajiet konvenuti ai termini ta' l-iskrittura tat-23 ta' Ottubru 2007 (Dok. "MH 1"); u

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu tali somma hekk dikjarata b'mod solidali bejnithom u bl-imghax kummercjali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena b'effett mid-data tal-fattura ezebita bhala Dok. "MH3";

Bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjez legali, nkluzi l-ispejjez tal-Mandat ta' Sekwestru Nru ......, intavolat fl-istess ismijiet, bl-ingunzjoni minn issa tar-rapprezentanti tas-socjetajiet konvenuti in subizzjoni u bir-rizerva ta' kull azzjoni ulterjuri fil-ligi.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 sa 41 tal-process.

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-3 ta' Dicembru 2009.

Rat ir-risposta ta' European School of English Limited (C19714) u EST (European Student Travel) Limited (C31288), datata 29 ta' Ottubru 2009 a fol. 47 tal-process fejn eccepixxew:-

(1) Fl-ewwel lok il-fatt illi l-ebda ammont ma hu dovut mis-socjetajiet konvenuti lis-socjeta' attrici, peress illi kif ghandu jirrizulta fil-kors tal-kawza, fis-7 ta' Jannar 2009, is-socjetajiet konvenuti saldaw il-bilanc minnhom dovut u ghamlu pagament *in full and final settlement,* kif jirrizulta minn Dok. "A" hawn anness. Iktar minn hekk fl-14 ta' Jannar 2009, il-partijiet iltaqghu, u ftehmu li l-€15,000 Ewro kienu ser jinqatghu mill-kont tas-socjetajiet konvenuti. Illi fil-fatt dakinhar sar il-pagament ghas-saldu mis-socjetajiet konvenuti u s-socjeta' attrici rrilaxxat statement li jaghmilha cara li s-socjetajiet konvenuti ma kellhom jaghtu xejn lis-socjeta' attrici. *Vide* Dok B, hawn anness. Dan l-istatment igib id-data tal-15 ta' Jannar 2009.

(2) Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, mill-provi ghandu jirrizulta li l-*complaints* li saru lis-socjeta' attrici ma kienux frivoli u vessatorji u s-socjetajiet konvenuti verament kellhom jaghtu kumpens lill-klijenti taghhom ta' €15,000. Ghal dan il-kumpens hija kienet dejjem responsabbli s-socjeta' attrici sia permezz ta' obbligazzjoni naxxenti minn delitti u sia kuntrattwalment, *ai termini* tal-klawsola 12 tal-ftehim bejn il-partijiet, esebiti mill-istess atturi bhala Dok. "MH1".

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` konvenuti a fol. 49 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda flimkien mad-dokumenti tas-socjetajiet konvenuti a fol 49 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma 3 ta' Dicembru 2009 a fol 56 tal-process fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr Kris Borg ghall-konvenuti u Dr Gianfranco Gauci ghas-socjeta' attrici li pprezenta nota b'affidavit b'kopja lid-difensur tal-parti u ddikjara li f'zewg seduti jaghlaq. Wara l-ahhar seduta nghata digriet sabiex il-konvenuti jipprezentaw l-affidavits taghhom fi zmien tletin (30) gurnata u jigu ffissati tliet seduti ghall-konkluzjoni provi tal-istess. Minhabba n-natura tal-eccezzjonijiet Dr Gianfranco Gauci irriserva l-pozizzjoni tieghu dwar il-provi. Il-Qorti nnominat l-Perit Legali Dr Paul Gonzi a spejjez provizorjament attrici sabiex jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Rat in-nota tal-atturi datata 3 ta' Dicembru 2009 li permezz taghha pprezentaw l-affidavits a fol 58 *et sequitur* tal-process.

Rat in-noti tas-socjetajiet konvenuti datata 23 ta' April 2010 u 27 ta' Settembru 2010 a fol. 78 u fol. 86 rispettivament tal-process rispettivament li permezz taghhom esebew l-affidavits tax-xhieda taghhom.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta' attrici datata 24 ta' Marzu 2011 a fol 224 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta datata 12 ta’ April 2011 a fol 227 tal-process fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr Paul Gonzi bhala Perit Legali u Dr Gianfranco Gauci ghas-socjeta’ attrici. Il-Perit Legali nforma l-Qorti li l-attrici prezenta nota’ ta’ osservazzjonijiet u hadet konjizzjoni taghha, u ta tletin (30) gurnata zmien lis-socjeta’ konvenuta sabiex tipprezenta nota ta’ osservazzjonijiet u l-Qorti kkonfermat din id-direzzjoni. Dr Gianfranco Gauci talab li d-dokumentazzjoni li saret referenza ghaliha f’dawn l-atti, li jinsabu esebiti fl-atti tar-rikors tar-revoka tal-mandat ta’ sekwestru, jigu allegati ma’ dawn l-atti, u l-Qorti laqghet it-talba. Il-kawza giet differita ghar-rapport ghall-14 ta’ Gunju 2011.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti prezentata fit-13 ta’ Mejju 2011 a fol. 228 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Paul Gonzi flimkien max-xhieda quddiemu prodotta u d-dokumenti hemm ipprezentati; u r-relazzjoni tal-istess Perit Legali Dr. Paul Gonzi li gie pprezentat fir-registru fit-23 ta’ Gunju 2011 u mahluf fis-seduta fil-15 ta’ Novembru 2011 a fol 239 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti inkluz dak tat-12 ta’ Jannar 2012 a fol 292 tal-process fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Paul Gonzi bhala Periti Legali, Dr Chris Borg ghall-konvenuti, u Dr Gianfranco Gauci ghas-socjeta’ attrici u s-Sur Abdilla ghall-istess u eskussjoni tal-Perit Legali. Il-Qorti tat erbghin (40) gurnata zmien lis-socjeta’ attrici ghal prezentata ta’ nota ta’ ossevazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensuri tal-kontro parti li nghatat erbghin (40) gurnata ghan-nota responsiva u l-kawza giet differita ghas-sentenza in difett t’ostakolu ghat-28 ta’ Gunju 2012.

Rat in-nota addizzjonali tal-Perit Legali.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti datat 5 ta’ Gunju 2012 fejn irrikjamat l-kawza ghas-26 ta’ Gunju 2012 ghall-istess skop u d-difensuri tal-partijiet taw ruhhom notifikati ghall-partijiet minnhom rappresentanti bid-digriet tar-rikjam tal-

kawza u b'hekk din il-Qorti tista' u ser tghaddi ghall-prolazzjoni tas-sentenza.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din il-kawza tirrigwarda talba tal-kumpanija attrici sabiex il-kumpaniji konvenuti jigu kundannati b'mod solidali bejniethom ihallsu l-ammont ta' €15,000 rapprezentanti bilanc allegatament dovut ghall-prezz ta' servizzi moghtija lilhom ai termini ta' skrittura privata bejn il-partijiet datata t-23 ta' Ottubru 2007.

Illi l-konvenuti qed jeccepixxu li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda ghaliex (i) il-partijiet saldaw il-bilanc minnhom dovut u l-konvenuti ghamlu pagament per saldo fis-sens li l-partijiet ftehmu illi l-ammont ta' €15,000 kienu ser jinqatghu mill-kont tas-socjetajiet konvenuti u, minghajr preguduzzji ghal dan (ii) peress illi tant kien hazin is-servizz tas-socjeta attrici illi s-socjetajiet konvenuti kellhom ihallsu kumpens lill-klijenti taghhom (u cioe' agenzija tal-istudenti barranija) li tammonta ghal €15,000 minhabba lmenti li saru fil-konfront tas-servizzi mill-istudenti tal-agenzija, u ghaldaqstant hija s-socjeta attrici li hija risponsabbli ghal tali hlas ta' danni kemm *ex delicto* u kemm skond l-iskrittura privata bejn il-partijiet.

Illi jirrizulta li sar il-ftehim privat bejniethom datat it-23 ta' Ottubru, 2007 (Dok. "MH1") li permezz tieghu studenti barranin mibghuta minn agenziji barranin biex jistudjaw l-lingwa Ingliza mal-kumpaniji konvenuti ikunu allogjati fil-Marina Hotel, gestita mis-socjeta attrici.

Illi skond il-kumpaniji konvenuti fis-sajf tal-2008, bejn Awwissu u Settembru, numru ta’ studenti li gew alloggjati mal-lukanda Marina Hotel abbazi tal-istess ftehim ilmentaw mal-agenzija barranija taghhom (”Student Agency”) illi s-servizzi tal-lukanda ma kienux tal-kwalita` mistennija tant illi talbu rizarciment tal-flus li kienu hallsu minghand din l-agenzija taghhom u li sahansitra, l-agenzija raddet lura ammont globali ta’ €15,000 f’ammonti lil numru ta’ studenti bhala kumpens, b’rizultat li l-agenzija (illi hija klijenta tal-kumpanija konvenuti) daret fuq il-konvenuti u gie allegat li l-konvenuti kellhom huma jaghmlu tajjeb ghal dan il-kumpens li ghalih finalment hija responsabbli l-kumpanija attrici.

Illi fil-fatt l-azzjoni odjerna hija ghall-hlas ta’ bilanc fis-somma ta’ €15,000 u l-ewwel eccezzjoni hija fis-sens li s-socjeta’ attrici accetat pagament fis-7 ta’ Jannar 2009 mis-socjeta’ konvenuta *per saldo* u allura ma tistax illum tippretendi dan l-ammont sorte tal-kawza odjerna.

Illi l-konvenuti qed jibbazaw din il-vantazzjoni taghhom fuq ittra datata 7 ta’ Jannar 2009 (Dok. “A”) li fiha qalu li qed jibghatu cekk ta €7,697.32 u li nghad li:-

*“this amount is being paid by EST Limited as final settlement of balance due to Marina Hotel for services rendered after the deduction of claim of EUR15,000 by Student Agency, one of ESE agents, on behalf of their clients that used the Marina Hotel in summer 2008”.*

Il-konvenuti jsostnu li la darba thallas ic-cekk mela allura s-socjeta’ attrici accettat il pagament per saldo. Izda s-socjeta’ attrici tichad dan ghaliex hija tghid li kitbet fit-8 ta’ Jannar 2008 (Dok. “MH 6” – fol. 152) sabiex tghid li hija ma kienitx qed taccetta din is-sitwazzjoni u talbet sabiex jiltaqghu sabiex il-pendenza tigi solvuta bonarjament u testwalment inghad li:-

*“I have received a cheque and a letter by your good self to explain that you had to compensate your principals with 15,000 Euros. The cheque alone deducting the 15,000 Euros, which you claim as compensation, does not cover*

*the full and final settlement still pendnig and secondly i am not in agreement with the way you have dealt with this compensation. Since personally I feel that we can turn this negative situation into a positive position for the future, I would like you to grant me a meeting, amonst the many which you seem to enjoy, in order to sort out this problem in an amicably way before having to seek and to take legal action".*

Illi Joseph Abdilla qal ukoll illi huwa kien sarraf ic-cekk biss bil-ftehim mas-socjeta` konvenuta (Seduta Nru 5) u mill-provi jirrizulta pruvat li effettivament l-partijiet kienu ftehmu li jiltaqghu sabiex jippruvaw isolvu l-pendenza fl-14 ta' Jannar 2009 u allura l-provi huma fis-sens li jindikaw li meta ssaraf ic-cekk dan sar mhux ghaliex gie accettat pagament per saldo izda minhabba kunsens li ntlahaq bejn il-partijiet sabiex dan jissarraf u l-pendenzi l-ohra jigu diskussi bl-isperanza ta' ftehim ahhari u allura ghalkemm pagament maghmul *in full and final settlement* jaghlaq il-pendenza dan mhux il-kaz meta ikun protesta ghal dan mir-ricevutur tal-pagament u wkoll ftehim li attwalment jippermetti t-tisrif tal-istess cekk jew hlas mhux allura taht l-istess kundizzjoni **("Schembri Johann pro et noe vs Mifsud Charlot pro et"** Appell Civili Numru 274/2003/1)

Illi l-konvenuti jghidu wkoll li f'okkazzjoni separata fl-14 ta' Jannar 2009 kien sar ftehim bil-mod li tali pagament kien per saldo. Apparti li dan fih innifsu jmur kontra l-parti tal-ewwel eccezzjoni gja kkonsidrata jidher pero' li din is-sottomissjoni tal-konvenuti hija bbazata fuq l-argument li kien sar hlas ta' l-ammont ta' indikat f'Dok. "B" anness mar-risposta guramentata per saldo u l-istess sar b'riferenza ghad-Dok. "1" anness mal-affidavit ta' Sean Le Gault (rapprezentant tas-socjetajiet konvenuti).

Illi skond il-kumpaniji konvenuti d-dokument Dok. "B" jikkonsisti fi *statement* li nhareg mis-socjeta attrici l-ghada tal-laqgha bejn il-partijiet, u cioe' fil-15 ta' Jannar 2009, liema dokument skont huma jaghmilha cara li s-socjetajiet konvenuti ma kellhom jaghtu xejn lis-socjeta` attrici u dan peress illi l-ammont dovut minhhom jidher li huwa mhallas ghal kollox.

Illi fl-istess waqt id-dokument anness mal-affidavit ta' Le Gault, immarkat bhala Dok. "1", jikkonsisti f'email mibghut mis-sur Abdilla lill-kumpaniji konvenuti li ukoll igib id-data tal-15 ta' Jannar 2009 u li fih Abdilla kiteb li:-

*"yesterday I quoted the rate of EUR14 however in order to recoup some of the compensation money I am putting up the rate by EUR2".*

Illli permezz ta' dan il-kliem il-kumpaniji konvenuti qed isostnu t-tezi illi waqt il-laqgha Abdilla tant kien accetta illi l-kumpaniji konvenuti ma kellhomx ihallsu €15,000 (u dan peress illi thallsu bhala kumpens) illi kien sahansitra ser jgholli l-prezzijiet tieghu sabiex ikun jista jirkupra l-ammont li tilef minn klijenti godda fil-futur. Illi l-konvenuti jghidu wkoll illi tant hu hekk li waqt il-laqgha s-socjeta` attrici kienet anke obbligat ruhha (verbalment) illi kienet ser tohrog *credit note* ta' €15,000 favurhom.

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti thoss li dan l-allegat ftehim ma jistax jigi kkunsidrat bhala transazzjoni *ut sic* li tikkonsisti f' kuntratt li bih il-partijiet, b'xi haga li jaghtu, iwieghdu, jew izommu, jaghtu tmiem ghall-kawza mibdija, jew jevitaw li tkun sejra ssir ("**Patiniott Grazio et Bs Cini Anthony Et** – A.C. 30 t'April 2003); **"Buhagiar Trevor et vs Montaldo Insurance Services"** (P.A. (RCP) - 5 ta' Ottubru 2001); u **"Saverio Spiteri vs Giuseppe Azzopardi"** A.C. - 21 ta' Jannar 1928) u allura ma kienx hemm bzonn li din issir bil-miktub skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 1233 (1) (d) tal-Kap. 16 ("Alessandro Portanier vs Paolo Dalli"** (A.C. 15 ta' Jannar 1937) u dan ghaliex kif qal sew il-abbli Perit Legali la kien hemm f'dak iz-zmien kawza pendenti u lanqas kien hemm imminenza ta' kawza **("Filippo Chircop vs A.I.C. Godwin Drago"** (28 ta' Gunju 1962 – Vol.46C. ii. 668); u **"Maria Attard vs Francesco Camilleri"** A.C. – 30 ta' Gunju 2000).

Illi tenut dan din il-Qorti thoss li tali ftehim allura li jista' jsir verbalment ma giex ippruvat mill-konvenuti fil-grad rikjest mill-ligi u fil-fatt din il-Qorti hawn ukoll qed taqbel mal-Perit

Legali li kull ma sar fl-14 ta' Jannar 2009 kien li gew diskussi l-pendenzi kollha u l-hlas li sar kien biss biss fir-rigward ta' *"unsold bed nights"* koperti bil-ftehim ta' bejniethom u dan ma' kellu x'jaqsam xejn mal-kwistjoni ta' kumpens ta' €15,000 li l-konvenuti kienu qed jippretendu li ghandhom jitnaqqsu minn dak dovut mis-socjeta' attrici u l-istatement li baghatet is-socjeta' attrici l-ghada kien biss relattiv ghal tali pagament u bl-ebda mod ma kien jikkomprometti lis-socjeta' attrici fl-ammont mertu tal-kawza odjerna.

Illi mhux hekk biss izda kienu l-istess konvenuti li sostnew li
kien sar ftehim li s-socjeta' attrici kellha tohrog *credit note* ta' €15,000 favur is-socjetajiet konvenuti, *credit note* li baqghet ma hargitx u wkoll li l-konvenuti lanqas jidher li insistew ghaliha u mela allura l-oneru ta' prova li kien jinkombi fuqhom ma' giex sodisfatt ("Mifsud Mario Vs Mifsud Carmelo" A.C.  - 12 ta' Novembru 2003) u allura din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi dwar it-tieni eccezzjoni irid jigi determinat jekk il-kumpaniji konvenuti kellhomx id-dritt li ma jhallsux il-bilanc f'kaz li l-istudenti lmentaw mal-agenziji u/jew mal-konvneuti direttament. Huwa biss jekk il-kumpanija konvenuti kellhom dan id-dritt illi imbaghad jigi ikkonsidrat (1) X'kienu l-ilmenti u sahansitra jekk l-ilmenti u d-danni relattivi derivanti mill-istess ilmenti kienux verament imputabbli lejn is-socjeta attrici – (u ghaldaqstant ghal-liema parti tad-danni tirreferi l-accettazzjoni parzjali tas-socjeta attrici); (2) f'dan il-kaz hux minnu li l-istudenti ilmentaw kif qed jallegaw il-kumpaniji konvenuti; u (3) jekk in-natura tal-istess ilmenti fil-konfront tas-socjeta attrici kienetx tant gravi illi l-istudenti mmeritaw il-kumpens li nghatalhom u cioe ta' somma globali ta' €15,000.

Illi dwar l-ewwwel punt issir riferenza ghall-klawzola 12 tal-ftehim bejn il-partijiet fejn sostnew li:-

*"Any complaints and claims made by students will be immediately notified to MH by ESE in writing. ESE reserves the right to deduct any monies for damages*

*claimed by students or their agents against presentation of suitable supporting documentation to that effect. MH reserve right of recourse to recover these claims and ESE will cooperate fully with MH at all times to reach amicable solution whenever possible".*

Illi mela allura dan id-dritt kien jezisti biss *"against presentation of suitable supporting documentation to that effect"* u cioe li fil-waqt tat-tnaqqis tkun tezisti evidenza dokumentata xierqa tad-danni sofferti mill-istudenti, kif ukoll; u (2) bil-pre-kundizzjoni esplicita li kwalunkwe lment u talbiet minn studenti ikunu notifikati lis-socjeta attrici mill-kumpanija ESE "immedjatament" u "bil-miktub", u (3) bir-rizerva esplicita tad-dritt tas-socjeta attrici illi hi tkun tista tfittex ghar-rizarciment tad-danni u f'dan il-kuntest illi s-socjeta` konvenuta ghandha tikkoopera ampjament mas-socjeta attrici, f'kull hin, sabiex fejn ikun possibbli jintlahaq soluzzjoni amikabbli.

Illi hawnhekk irid jinghad illi bejn il-partijiet ghandu japplika l-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti, u cioe *pacta sunt servanda*, fejn il-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li ghandha tipprevali u trid tigi osservata (Gloria mart Jonathon Beacom vs AIC Anthony Spiteri Staines; Qorti ta' l- Appell 5 t'Ottubru 1998). Illi dan il-principju ghandu jghodd kemm ghad-drittijiet u l-obligazzjonijiet tal-partijiet kif ukoll ghall-kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt, basta li dawn ikunu skond il-ligi. Illi ghaldaqstant sabiex wiehed jara jekk l-intimati kellhomx id-dritt illi ma jhallsux il-bilanc u dan peress illi sofrew xi danni rizultanti minn ilmenti jew talbiet ta' studenti (jew l-agenti taghhom) kellu jigi pruvat b'mod konvincenti illi t-tlett kundizzjonijiet surriferiti kollha gew rispettati skond il-kuntratt.

Illi gie ppruvat li l-ewwel darba li s-socjeta' attrici saret taf b'dawn l-ilmenti kien biss b-email ta' Peter Janicina tal-10 ta' Settembru 2008 (Dok. "MH 4") xahar wara l-istudenti kienu telqu minn Malta. Fis-17 ta' Ottubru 2008 is-socjeta' attrici kitbet sabiex tithallas (Dok. "MH5A") u kien biss fir-

risposta ghall-email li ggib l-istess data, li Sean Le Gault wiegeb:

*"...the last payment made to you was 8th Oct 2008 for €9000. Despite this promise from your side I have two clients claiming a total of some €15,000.00 in damages related to the level and standard of service of your hotel. I have a court case in hand with a whole group asking for compensation related to your Hotel stay. I have a meeting with these agents in three weeks time to try to sort this problem. We are taking these complaints very seriously and I will be expecting reciprocal compensation from your side. I hope I managed not to lose them as a client after 12 years. Until I have sorted this out with our clients full settlemen of the account will be withheld. The next payment will be issued after the 10th of November." (enfazi sottolineat tal-esponenti) .*

Illi fl-istess data Abdilla wiegeb permezz tal-email (DOK MH5A) u qal :

*"I am glad for your prompt reply but surprised that you came up with this claim business of which I am not informed and no chance to give my view and verify that these claims are correct. [...] What I find absurd is that I never received any complaints from you or your representatives as regards to what you claim as low level of standard".*

Illi minkejja din il-korrispondenza, fl-10 ta' Novembru 2008 Abdilla rega kiteb (Dok. " MH5A") lis-sur Le Gault fejn qallu li *"we are still waiting for the copies of any complaints.."* u ghaldaqstant sal-10 ta' Novembru 2008 is-socjetajiet konvenuti kienu ghadhom ma ghaddew ebda dettall rigward l-ilment illi huma kellhom.

Illi fil-fatt kien biss fis-7 ta' Jannar 2009 (u cioe` circa 4 xhur wara li l-konvenuti saru jafu bl-ilment) illi l-konvenuti taw ftit aktar dettall dwar l-ilment li kien gej minghand Student Agency (ara Dok. "A" Anness mar-risposta tas-socjetajiet konvenuti) ghaliex dawn kellhom jaghtu kumpens lill xi 60 student li tammonta ghall-ammont

globali ta' €15,000 liema dokumenti ma ssemmiehx l-istudenti min kienu u/jew l-ilmenti partikolari taghhom f'xiex kien jikkonsisti. Ghalhekk jidher li tali ilmenti ma sarux tempestivament u lanqas bil-mitlub kif rikjest fil-ftehim indikat u certament li bil-mod kif sar sa dak iz-zmien ma jistax lanqas jinghad li kien hemm ilmenti *“against presentation of suitable supporting documentation to that effect”* kif espressament provdut fil-kuntratt bejn il-partijiet. Certament li taht ebda cirkostanza ma jista jinghad wara li gew ezaminati l-fattispecie tal-kaz li li s-socjetajiet konvenuti kellhom jistennew sas-7 ta' Jannar 2009 sabiex jaghtu ftit iktar dettall dwar dak vantat minnhom lis-socjeta' attrici u zgur li lanqas hawn dan ma kien jammonta ghal dak li kien rikjest bhala *“suitable supporting documentation”.*

Illi mill-provi jidher ukoll illi s-socjetajiet konvenuti kitbu lis-socjeta` attrici biss wara li hadu decizjoni illi johorgu l-*credit note* u ma hadu ebda inizjattiva u/jew ma ghamlu ebda offerta illi jikkonsultaw mas-socjeta` attrici qabel ma hadu d-decizjoni. Illi in oltre minkejja li fl-ittra tieghu tas 7 ta' Jannar 2009, Scean Le Gault kien qal li “*this action and compensation was decided upon* exclusively *by Student Agency themselves and at no time was ESE involved in the decision to compensate”* din id-dikjarazzjoni hija kontradetta mir-rapprezentant tal-Agenzija stess Peter Janicina meta dan, kif surifferit, qal illi fil-laqgha mieghu kien hemm accettazzjoni min naha tas-sur Le Gault illi jinhareg il-*credit note* u sahansitra in kontro-ezami fl-ghaxar seduta quddiem il-Perit Legali ikkonferma illi “we agreed on the final amount” u dan permezz ta negozjati bejn l-Agenzija u l-konvenuti fis-sens illi huwa qal li *“when this agreement was reached with ESE to my knowledge with respect to us, Marnie Hotel was not involved in the negotiations”.*

Illi jinghad li fi kwalunkwe kaz, anke b'mera kunsiderazzjoni in buona fede sabiex forsi l-ammont ta' danni jigi kkawtelat (izda wkoll in konsiderazzjoni tal-obbligi stipulati fl-iskrittura) is-socjetajiet konvenuti kellhom jizguraw illi jkunu f'posizzjoni illi jaghtu aktar informazzjoni lis-socjeta` attrici qabel. Ghaldaqstant anke

fil-kuntest tat-tielet kundizzjoni fi klawzola 12 tal-ftehim jidher li s-socjetajiet konvenuti ma onorawx l-obbligu illi jikkooperaw mas-socjeta attrici f'kull hin sabiex, jekk kien possibbli, forsi kien jintlahaq soluzzjoni ossia ftehim bonarju – jew sahansitra illi t-talbiet ghad-danni jigu b'xi mod kawtelati.

Illi ghaldaqstant, ikkunsidrat dan kollu, din il-Qorti thoss li l-kumpaniji konvenuti ma zammewx mal-proceduri ossia kundizzjonijiet stipulati fil-kuntratt, partikolarment dak li tghid l-klawzola 12 fir-rigward ta' notifika immedjata jew sahansitra rigward presentazzjoni ta' dokumentazzjoni xieraq, u ghaldaqstant is-socjetajiet ma kellhomx id-dritt illi ma jhallsux il-bilanc kif fil-fatt ghamlu u dan ghaliex ma osservawx dak miftiehem minnhom – pacta sunt servanda **("Gloria mart Jonathan Beacom vs A.I.C. Anthony Spiteri Staines"** – A.C. – 5 ta' Ottubru 1998).

Illi minkejja dan jidher pero' li s-socjeta' attrici accettat parzjalment li thallas xi forma ta' kumpens u certament hawn jidher li s-socjeta' attrici assumiet obbligazzjoni fuqha verso l-konvenuti u dan sar kemm fil-laqgha tal-14 ta' Jannar 2009 u kif ukoll

Illi fl-opinjoni tal-esponenti minn dan il-kliem jidher illi waqt il-laqgha tal-14 ta' Jannar, u wkoll mill-email li Joseph Abdilla baghat f'isem s-socjeta attrici l-ghada tal-laqgha (u cioe fil-15 ta' Jannar) fejn Abdilla qal illi l-kliem :-

*"Yesterday we quoted the rate of EUR 14 however in order to recoup some of the compensation money I am putting up the rate by EUR2. I hope you can cope with this and thank you for your co-operation ".*

Illi ghaldaqstant, f'dan il-kuntest it-talbiet attrici prezenti ghandhom jigu ikkunsidrati fil-konfront tal-allegazzjonijiet imressqa mill-kumpaniji konvenuti u sahansitra fil-konfront ta' din l-accettazzjoni parzjali minn naha taghha.

Illi dan ghandu jigi ikkunsidrat ukoll fid-dawl tal-**Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta** li jipprovdi illi kull minn jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta hu

obbligat għad-danni **(artikolu 1125).** Fl-istess waqt ai termini tal-**artikolu 1031 u artikolu 1032 tal-istess Kap**, kull wieħed irid iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu u persuna titqies fi ħtija meta bl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-famiija.

Illi minn kif inhi ikkoncepita t-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta din tippresupponi l-ipotesi ta' inadempiment tal-prestazzjoni da parti tas-socjeta` attrici. Illi fil-kawza bl-ismijiet **"Connect Limited vs Spinoff Limited"** (A.I.C. (PS) – 20 ta' Gunju 2008) f'tema bhal din ta' inadempiment id-disposizzjonijiet specifici tal-kuntratt ta' appalt, *locatio operis* jew tal-prestazzjoni ta' servizzi huma ragonevolment inkluzivi tal-principji generali ta' l-inadempiment kontrattwali u huwa proprju l-**artikolu 1132 (1) tal-Kodici Civili** li joffri lill-interpretu dak il-kriterju generali biex jivvaluta l-kondotta ta' l-obbligat fladempiment, jew in-non-adempiment, ta' l-obbligazzjoni minnu assunta. Dan fis-sens li l-adempiment jew l-inadempiment jitkejlu skond il-kriterju tad-diligenza tal-bonus paterfamilias li jippreciza l-precitat artikolu.

Illi hekk, skond certa gurisprudenza, ghad-determinazzjoni tad-diligenza dovuta, jinghad illi *"l'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacita ordinaria"* **(Kollez. Vol. XXVII P I p 374).** Issokta jigi enfasizzat illi *"l-artefici ghandu jiggarantixxi l-bonta tax-xoghol tieghu, u din ilgaranzija hi implicita"* ***(*****Kollez. Vol. XL P I p 485)** u li *"l-appaltatur hu obbligat jezegwixxi l-opra mifthema skond is-sengha"* **(Kollez. Vol. XLI P II p 892).**

Illi naturalment, ghalkemm min hu inkarigat minn bicca xoghol jew mill-prestazzjoni ta' certu servizzi jiddisponi minn diskrezzjonalita` teknika ampja, huwa ghandu jirrispondi ghar-rizultat ta' l-ezekuzzjoni minnu ta' dik l-istess bicca xoghol jew tas-servizz prestat, jekk jinstab li dawn ma gewx ezegwiti fl-osservanza tar-regoli tas-sengha u ta' l-arti – u dan partikolarment jekk huwa indika l-accetazzjoni mqar parzjali ta' dan in-nuqqas.

Illi huwa f'dan is-sens illi wiehed ghandu japprezza l-imsemmi accettazzjoni parzjali tas-socjeta attrici u cioe ghal xiex setghet kienet tirreferi u jekk kienet timmerita illi is-socjeta attrici ma tithallasx total ta' €15,000.

Illi sommarjament jekk wiehed jaghrbel l-ilmenti li jirreferi ghalihom Le Gault fl-affidavit tieghu (a bazi ta liema l-iStudent Agency allegatament kellhom ihallsu kumpens lill-istudenti) dawn jistghu jigu migbura primarjament fi tlieta:-

(1) Il-kundizzjoni generali tal-lukanda inkluz l-ndafa tal-kmamar, l-kundizzjoni tal-ghamara kif ukoll sistema tal-airconditioning hazina;

(2) in-numru ta' soddod fil-kmamar u

(3) l-ikel li gie servut mhux fir-*restaurant* tal-lukanda.

Illi f'dan il-kuntest kull ilment li sar mis-socjeta FORENEX (agenzija ohra seperata illi m'ghandiex xtaqsam mas-socjeta estera Student Agency), ma jistawx jigi ammessi ghaliex din ma kienitx parti mill-ftehim u dan apparti nuqqas ta' provi fil-rigward.

Illi rigward l-ewwel ilment kif inghad fuq (cioe rigward il-kundizzjoni generali tal-lukanda, tal-kmamar u ghamara) l-informazzjoni li nghatat lis-socjeta attici mis-socjetajiet konvenuti u li sahansitra giet ipprezentata f'dan il-kaz bhala prova tad-danni u tas-servizz hazin tal-lukanda huma fil-maggor parti minnha vaga u inkonklussiva; u fi kwalunkwe kaz kellhom jigu mghoddija lis-socjeta attrici ferm qabel u zgur mhux biss bhala prova f'din il-kawza.

Illi rigward tat-tieni ilment jidher illi hemm qbil bejn il-partijiet illi fil-kuntratt bejniethom (partikolarment fil-klawzola Nru 2) hemm stipulat illi fil-kmamar tal-lukanda ma jistax ikun hemm aktar minn erba (4) sodod – regola illi kif ikkonferma ir-rapprezentant tal-Malta Tourism

Authority Malcolm Zerafa, tohog ukoll mill-ligi. Jidher li ma hemmx kontestazzjoni illi saru xi lmenti mill-istudenti illi xi kmamar kellhom hames (5) sodod minflok erba u ghaldaqstant hemm qbil illi f'dawn ic-cirkostanzi l-istudenti kellhom jedd illi jilmentaw. Jidher illi bejn il-partijiet ma hemmx qbil ta' kemm il-kmamar kellhom din il-problema, u fil-waqt li Joe Abdilla donnu jinsisti illi kienet biss f'kamra wahda, fid-9 seduta Faure jghid illi din il-problema grat darbtejn meta qal *"kamra minnhom kienet kamra doppja b' erba' min-nies li kwazi ma setghux johorgu mis-soddod pero meta mar hu din kienet rrimedjata immedjatament u l-kamra l-ohra fejn kien hemm hames (5) soddod minflok erbgha u l-istess konna gelniejhom johorguhom."* Illi bla dubju s-socjeta attrici hawnhekk kissret l-obbligu stipulat fl-artikolu 2 tal-kuntratt liema ksur, jekk gara darbtejn, seta kellu effett fuq massimu totali ta' ghaxar studenti – u dan sakhemm is-sitwazzjoni kienet trangat waqt li l-istudenti kienu ghadhom fil-lukanda u dan billi tpoggew fi kmamar b'erba sodod.

Illi fir-rigward tat-tielet ilment rigward ir-*restaurant* hawn ukoll ma hemmx qbil bejn il-partijiet. Li hemm qbil dwaru hu li ghal xi zmien kien qed jintuza d-Deporres Hall biex gie servut il-*breakfast* minflok ir-*restaurant* tal-lukanda stess. Illi l-konvenuti jghidu illi s-socjeta attrici fil-waqt illi ma kellhiex licenzja li tuza d-Deporres Hall bhala *restaurant* (fatt illi gie kkonfermat mir-rapprezentant tal-MTA) din ukoll qatt ma kienet idduskitiet jew ottjeniet il-kunsens tal-kumpaniji konvenuti biex toffri l-breakfast lill-istudenti gewwa d-Deporress Hall. Illi jekk dan kollu huwa minnu jinghad illi s-socjeta attrici ma qdietx l-obbligi taghha ghal kollox fis-sens illi hi kellha toffri l-ikel kollu, inkluz il-breakfast, gewwa r-*restaurant* taghha stess izda dan ma sarx. Illi minkejja li l-ikel servut seta` kien l-istess bhal dak servut fil-lukanda, jidher car illi bhala post u dehra ir-*restaurant* tal-lukanda tidher illi hi ta kwalita` ahjar mid-Deporres Hall.

Illi minn naha l-ohra, Joe Abdilla jghid illi rapprezentanti tas-socjetajiet konvenuti kienu taw il-kunsens tacita taghhom meta darba minnhom dawn kienu marru u raw lill-istudent jieklu gewwa d-Deporress Hall. Joe Abdilla

jikkonferma illi skrittura li b'xi mod turi li sar ftehim formali bejn il-partjiet ma tezistiex izda jghid li l-ftehim kien wiehed verbali.

Illi minkejja din id-dikjarazzjoni izda r-rapprezentanti tas-socjetajiet konvenuti jghidu illi huma qatt ma accettaw, la direttament u lanqas b'mod implicitu, illi setghet tintuza d-Deporres Hall minflok. Illi hawn il-verzjoni tas-socjetajiet konvenuti qed tigi accettata u dan partikolarment ghaliex mill provi jidher illi meta giet ikkonfrontata bl-ilment is-socjeta` attrici kienet waqqfet milli taghmel uzu mid-Deporres Hall – haga illi zgur ma kienetx taghmel li kieku s-scojetajiet konvenuti kienu fthemu li l-kolazzjon seta` gie servut fid-Deporress Hall. Ghaldaqstant, jekk kien hemm student illi gew servuti gewwa id-Deporres Hall dawn kien jisthoqqilhom kumpens relattiv. Pero' sfortunatament minkejja dan jigi rilevat illi evidenza konkreta ta' kemm damet il-lukanda ghaddejja b'din il-prassi u kemm attwalment gew affetwati studenti ma gietx ipprezentata b'mod sostanzjali.

Illi mill-lista inkulza fid-Dok. "JC 20" huma biss 36 il student illi nafu pju o` meno f'hiex kien jikkonsisti l-ilment taghhom u cioe *"bad conditions of the accommodation, extra bed, mouldy food, insects"* u dawn jammontaw ghal €7,200 mit-total tal-€15,000 li s-socjeta konvenuta allegatament hallset lill-agenzjija estera. Ghall-bqija tal-complaints (illi jammontaw ghal €7,717) id-Dok. "JC 20" ma jaghtix spjegazzjoni ghalfejn inghata kumpens jew sahansitra ghalfejn ftit minnhom inghataw ftit kumpens u ohrajn hafna izjed.

Illi fid-dawl ta' dan l-ammont li ghandu jitnaqqas mis-somma mitluba mis-socjeta' attrici hija dik ta' €7,200 u ghalhekk l-ammont dovut mis-socjeta' attrici huwa dak ta' €7,800 u t-talba attrici qed tintlaqa' biss fl-ammont hawn indikat.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tas-

socjetajiet konvenuti, u tichad it-tieni eccezzjoni in parte u tilqa' l-istess tieni eccezjoni biss fid-dawl ta' dak hawn deciz, **tilqa' parzjalment it-talbiet attrici** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:

1. Tiddikjara lill-konvenuti solidalment bejniethom debituri fil-konfront tas-socjeta' attrici fis-somma ta' seba' t'elef u tmien mitt euro (€7,800) rapprezentanti servizzi moghtija lis-socjetajiet konvenuti ai termini ta' l-iskrittura tat-23 ta' Ottubru 2007 (Dok. "MH 1"); u

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu tali somma hekk dikjarata b'mod solidali bejniethom u bl-imghax kummercjali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena b'effett mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

Illi stante in-natura tal-kaz l-ispejjez kollha jinqasmu bin-nofs bejn is-socjeta' attrici u s-socjetajiet konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------